**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. JOSEPH MIFSUD**

**B.A. (LEG. & INT. REL.), B.A. (HONS.), M.A. (EUROPEAN), LL.D.**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Jonathan Ransley)**

**vs**

**Edison Carlos Perez Acosta**

**Kumpilazzjoni 616/2019**

**Illum 11 ta' Ottubru 2019**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat **Edison Carlos Perez Acosta** detentur tal-karta ta' passaport Peruvijan bin-numru 216118384 billi huwa akkuzat talli:

F'dawn il-Gzejjer, b'diversi atti maghmulin mill-istess Edison Carlos Peres Acosta, ukoll jekk fi zminijiet differenti, li kieku jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda u cioe' talli bejn Settembru 2019 u Ottubru 2019 b'mezzi kontra l-ligi, jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeda b'qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b'ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex qanqal tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamel qligh bi hsara ta' haddiehor u cioe' ta' 700 Ewro u dan ghad-dannu ta' PV Hostel u/jew entitajiet ohra u/jew persuni ohra, u dan bi ksur tal-artikolu 308 u 310(1)(b) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

**Ikkunsidrat:**

Semghet l-ammissjoni ta' l-imputat kif registrata fl-atti fis-seduta tallum 11 ta' Ottubru 2019 ghall-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 392A(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u cioe' wara li l-imputat wiegeb li huwa hati, din il-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u tatu zmien xieraq sabiex jekk irid jerga' lura minnha u kien biss wara li staqsietu t-tieni darba wara li kkonsulta mal-avukat Dr. Fransina Abela li l-Qorti ghaddiet sabiex taghti kaz din l-ammissjoni tieghu.

Illi għalhekk fuq l-ammissjoni volontarja u inkondizzjonata tal-istess imputat, il-Qorti tiddikjara li m'għandiex triq oħra salv li ssib lill-imputat ħati ta' l-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu.

Rat l-atti kollha ta' dan il-proċediment u d-dokumenti esebiti.

Semgħet sottomissjonijiet dwar il-piena.

**Ikkunsidrat:**

Filwaqt li tifhem l-ispirtu li bih l-avukat Abela talbet li tingħata sentenza sospiża u immedjatament l-imputat jitlaq mill-pajjiż, il-Qorti ma taqbilx ma dan għaliex mhux sewwa li jiġi xi ħadd f'pajjiżna, jiffroda lil xi ħadd ieħor li jkun f'dan il-pajjiż – f'dan il-każ persuna oħra barranija;

Kull min ikun f'pajjiżna haqqu jkun protett u jħossu safe f'dan il-pajjiż, kemm iċ-ċittadin Malti u kif ukoll dawk li jkunu f'pajjiżna għal skop jew ieħor.

Il-Qorti ma tistax tibgħat messaġġ li tiġi hawn f'pajjiżna, twettaq ir-reati u tieħu sentenza sospiża u titlaq.

Il-Qorti ser timponi piena ta' ħabs effettiv u wara li l-imputat ikun skonta s-sentenza l-Uffiċjal Prinċipali tal-Immagrazzjoni jara dak li tipprovdi l-Liġi tal-Immigrazzjoni u jibgħat lura lejn pajjiżu lill-imputat. Fil-Peru ma jidhirx li hemm xi biża li d-drittijiet tiegħu ma

jitharsux ghaliex mhux wiehed mill-pajjizi li l-imputat ghandu bzonn il-protezzjoni u l-imputat ma qalx lill-Qorti li ghandu bzonn xi protezzjoni tant li ried imur lura immedjament f'pajjizu.

**DECIDE:**

In vista tal-ammissjoni bikrija tieghu, l-fatt li l-ammont involut huwa cirka ta' seba' mitt Ewro, il-Qorti wara li rat l-Artikoli 308 u 310(1)(b) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta tikkundanna lill-imputat tmien xhur prigunerija efftiva u li fi zmien sitt xhur ihallas lill-vittma Sonia Del Cano Castro seba' mitt Ewro u theggeg lill-Ufficjal Principali tal-Immagrazzjoni biex x'hin l-imputat jiskonta s-sentenza u jara li sar il-hlas lill-vittma, minnufih jara li jkun ripatrijat lejn il-Peru.

---

**Dr. Joseph Mifsud**
**Magistrat**